



24.6.2010

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 1732/2009, ippreżentata minn D.R., ta' nazżjonalità Taljana, dwar skema tal-pensjoni operata mill-eks Banca 121

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jilmenta dwar skema tal-pensjoni operata mill-eks Banca 121, filwaqt li jindika li l-fondi tiegħu ilhom friżati għal 30 sena u li huwa mitlub iħallas interess annwali ta' 6% biex meta dawn jimmaturaw jirċievi ammont totali li huwa inqas mill-kapital oriġinali. Bħala sid il-prodott ma jistax jinfluwenza kif il-fondi jiġu investiti, u barra minn hekk huwa mitlub iħallas ammonti ta' flus fuq il-kont mandatorju tiegħu mal-bank. It-terminazzjoni tal-ftehim mal-bank mhix possibbli mingħajr li tinvolvi telf konsiderevoli. Il-petizzjonant jindika li ħafna mill-klijenti tal-bank jinsabu fl-istess sitwazzjoni. Minkejja għadd ta' sentenzi tal-qorti, mhux possibbli li l-kuntratt jiġi rrevokat, ħaġa li bażikament hija frodulent. Fid-dawl ta' dan li ssemma hawn fuq, il-petizzjonant qed jitlob li l-Parlament Ewropew jirrappreżentah quddiem il-Gvern Taljan, bil-għan li tiġi solvuta din il-problema, billi tiġi introdotta liġi li tippenalizza lil banek li jqiegħdu tali prodotti fis-suq u li klijenti li jiġu mqarrqin jingħataw rimborż.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fid-data 3 Marzu 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet nhar 24 ta' Ġunju 2010. Il-Petizzjonant donnu li sab il-problemi bi prodott finanzjarju li jismu "4 You" offrut minn istituzzjoni finanzjarja Taljana.

Hu jallega li l-klawżoli tal-kuntratt tal-prodott finanzjarju huma inġusti għad-detriment ta'

għadd kbir ta' konsumaturi li huma s-sidien tal-prodott finanzjarju konċernat, b'mod partikolari minħabba li jipprovdi kundizzjonijiet inġusti għat-terminazzjoni tal-kuntratt.

Il-Petizzjonant jagħmel referenza għal deċizzjonijiet li allegatament ittieħdu dwar dan il-każ fil-qrati nazzjonali.

Fil-livell Ewropew, id-drittijiet tal-konsumatur fir-rigward ta' klawżoli inġusti f'kuntratti huma mħarsa permezz tad-Direttiva 1993/13/KEE dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur. Din id-Direttiva għandha l-għan li tevita li jkun hemm żbilanċ sinifikanti bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-konsumaturi min-naħa l-waħda, u x-xerrejja u l-fornituri min-naħa l-oħra. Dan ir-rekwiżit ġenerali hu supplimentat b'lista ta' klawżoli li jistgħu jitqiesu bħala inġusti. Klawżoli li jinstab li jkun inġusti skont qorti nazzjonali, tribunal jew korp amministrattiv skont id-Direttiva mhumiex vinkolanti fuq il-konsumatur. Barra minn hekk, din id-Direttiva tobbliga lin-negozjant li jfassal il-klawżoli u l-kundizzjonijiet standard f'lingwaġġ sempliċi u li jiftiehem.

Madankollu, l-UE ma tintervjenix fil-politiki tal-prezzijiet tal-kumpaniji, li hum suġġetti għall-kundizzjonijiet tas-suq ħieles. Għaldaqstant, leġislazzjoni li jkollha l-għan li żżomm lin-negozjanti milli jimponu klawżoli kuntrattwali inġusti fuq il-konsumaturi ma tapplikax għall-ġustizzja ta' prezzijiet jew klawżoli oħra ewlenin. Għal din ir-raġuni, ir-rati tal-imgħax u l-prezz jistgħu jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regolamenti adottati taħt din id-Direttiva.

Id-dispożizzjonijiet li jittrasponu d-Direttiva dwar klawżoli inġusti fil-liġi Taljana huma stipulati fil- Codice del consumo (**Decreto Legislativo 6 settembre 2005, n. 206**). Il-Kummissjoni ma tafx li jeżistu nuqqasijiet fit-traspożizzjoni u fl-implimentazzjoni tad-Direttiva fl-Italja.

Il-Petizzjonant jallega li minkejja deċizzjonijiet tal-qorti li kellhom irendu l-klawżoli kuntrattwali inġusti, huwa għadu marbut b'dawn il-klawżoli. Madankollu, huwa naqas li jissostanzja dawn id-dikjarazzjonijiet.

Il-Kummissjoni Ewropea m'għandhiex is-setgħa li tintervjeni f'tilwimiet privati. Meta leġislazzjoni tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea, huma l-Istati membri li jridu jiżguraw li l-liġijiet nazzjonali tagħhom jiġu magħmula konformi mal-leġislazzjoni Ewropea u li jkun hemm konformità ma' dawn il-liġijiet. L-awtoritajiet nazzjonali rilevanti biss huma kompetenti jevalwaw jekk klawżolu kuntrattwali jkunx inġust u jiksirx id-drittijiet tal-konsumatur taħt id-Direttiva.

Għaldaqstant, il-Petizzjonant għandu jikkuntattja l-awtorità Taljana responsabbli għall-ħarsien tal-konsumatur direttament. Dawn l-awtoritajiet għandhom ikunu f'pożizzjoni li jieħdu l-passi xierqa biex jinfurzaw il-leġislazzjoni applikabbli tad-drittijiet tal-konsumatur.

Ministeru għall-Iżvilupp ekonomiku, Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni u l-ħarsien tal-Konsumatur
Via Molise, 2 - 00187 Roma
Tel: +39 06 470 52 779
Fax: +39 06 470 52 898
E-mail: segreteria.dgcc@sviluppoeconomico.gov.it
<http://www.sviluppoeconomico.gov.it/>

